DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 62/2011

tal-1 ta' Lulju 2011

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 115/2010 tal-10 ta' Novembru 2010 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/684/UE tal-10 ta' Novembru 2010 li temenda Parti 1 tal-Anness E tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE dwar il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-annimali minn azjendi ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/695/UE tas-17 ta' Novembru 2010 li temenda l-Annessi tad-Deċiżjoni 93/52/KEE fir-rigward tar-rikonoxximent li l-Estonja, il-Latvja u l-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Baleariċi fi Spanja huma uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi (B. melitensis) u li temenda l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tad-dikjarazzjoni li l-Estonja hija uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolosi u uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi fir-rigward tal-merħliet tal-bovini ([3]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim

(4) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għall-Iżlanda u għal-Liechtenstein,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punti 9 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE) fil-Parti 4.1 u l-punt 15 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE) fil-Parti 8.1:

"— **32010 D 0684**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/684/UE tal-10 ta' Novembru 2010 (ĠU L 293, 11.11.2010, p. 62)."

2. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud mal-punti 14 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE) u 70 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE) fil-Parti 4.2:

"— **32010 D 0695**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/695/UE tas-17 ta' Novembru 2010 (ĠU L 303, 19.11.2010, p. 14)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2010/684/UE u 2010/695/UE fil-lingwa Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' Lulju 2011, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Lulju 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

([1]) ĠU L 58, 3.3.2011, p. 69.
([2]) ĠU L 293, 11.11.2010, p. 62.
([3]) ĠU L 303, 19.11.2010, p. 14.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.